KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

11 ta' Dicembru 2010

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Hamsin (50) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 18 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm.**

Il-hamsin (50) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2010
6. Permessi Speċjali tal-Iskema ta' Parkeġġ Residenzjali
7. Lejliet l-Ewwel tas-Sena
8. Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna
9. Għażla tal-Offerti :
   - KLF/T/09/10: Rijabilitazzjoni tas-Sala tal-Komunita f'Dar il-Kunsill Lokali
   - KLF/T/10/10: Ġbir ta' Skart Mħallat
   - KLF/T/11/10: Tindif ta' Toroq
   - KLF/T/12/10: Drittijiet Esklussivi għal bejgħ ta' xorb u ikel f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena
   - KLF/T/13/10: Ftuħ/Għeluq u Supervizjoni ta' Faċilitatjiet Sportivi
   - KLF/T/14/10: Xogħol ta' alterazzjonijiet tal-latrini fic-Ċentru tal-Anzjani biex ikunu aċċessibli għal kulħadd
   - KLF/T/15 /10: Ġbir ta' Skart Goff

10 Il-mina tal-ferrovija
11. Il-Konfini tal-Floriana
12. Is-Servizz tas-CT cabs fil-Floriana
13. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
14, Riceviment Annwali Lejlet il-Festa Liturgika ta' San Publju
15. L-Iskema tal-Infurzar Lokali
16. Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar!
17. Parkeġġi riservati għall-uffiċċini, dipartimenti governattivi, etc, fil-Floriana
18. Ħwejjeg Oħra
19. Aġġornament tal-laqgħa

Ghal-Hamsin (50) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma. Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru. 1.2.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland. Is-Sindku stieden lil dawk prezenti jiddedikaw minuta ta' silenzju ghas-Sur Charles Borg, hu l-Kunsillier Vincent Borg.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tad-disgha u erbghin (49) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet korrezjoni ta' materja nru. 2.15 rigward il-festin tat-tfal tal-Milied li kien ser jigi organizzat mill-Floriana F.C. u mhux mill-Floriana Nursery kif gie rregistrat.

**Nota: 17.40 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg xtaq li jirregistra li matul materja nru. 2.19 kien ressaq kontro mozzjoni, ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, biex fl-istedini tal-Kunsill, flimkien mal-membri parlamentari jkun mistieden ukoll il-kap tal-oppozizzjoni Joseph Muscat.

1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq korrezzjoni ta' materja nru. 7.1 fejn is-Sindku kien semma li avvicinawh xi nies li urew ix-xewqa taghhom favur ir-right of first refusal.

1.5 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament bil-korrezzjonijiet imsemmija f'1.2, 1.3 u 1.4, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn individwu li lmenta dwar l-istat hazin tal-funtana li hemm fi Gnien San Filippu, fejn parti mill-iskultura taghha sahansitra tmermret ghal kollox. Il-Kunsill qabel li l-kunsillier responsabbli mill-gonna ghandu jitlob laqgha mal-awtoritajiet responsabbli biex ikunu jistghu jigu diskussi certi punti li jirrikjedu attenzjoni immedjata fosthom il-kundizzjoni tal-funtana msemmija hawn fuq, kif ukoll il-boundary wall ta' Gnien Argotti u l-ghadira b'ilma tax-xita li tingabar fl-entratura tal-istess gnien.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'ilment rigward l-*information panels* li l-Kunsill kien wahhal f'dawn l-ahhar gimghat fejn gie nnotat li l-ponot taghhom setghu jistghu jkunu ta' periklu. Il-Kunsill qabel li ghandu jkellem lill-kuntrattur biex il-kantunieri jigu ittundjati.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jaghmel tabella mal-bieb tal-genb ta' Gnien l-Argotti li tindika d-direzzjoni lejn Gnien San Filippu minhabba li l-entratura ta' dan il-gnien tinsab pjuttost mohbija. Il-Kunsill qabel.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq offerta' minghand il-Banda Vilhena fejn offrew is-servizz taghhom bhala parti mill-programm taz-zjara tal-Banda Le Salvadei ta' Macerata, bil-prezz ta' €1600. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lis-segretarju tas-Socjeta' Filarmonika Vilhena li ladarba din l-attivita' kienet qed tigi organizzata mill-Kunsill Lokali, ikun ahjar jekk tintalab laqgha maghhom fl-ambitu tad-diskussjonijiet dwar iz-zjara tal-banda f'Macerata.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Arcipriet Richard Borg kien gab l-approvazzjoni minghand il-Kurja biex jigi mistieden l-isqof ta' Macerata biex jiehu sehem fil-festi liturgici tas-sena d-diehla. Il-Kunsill qabel li l-Isqof ta' Macerata flimkien mas-segretarju privat tieghu ghandhom jigu mistiedna mill-Kunsill u jkunu parti mid-delegazzjoni ta' Macerata meta din ser taghmel iz-zjara taghha f'Mejju fil-programm ta' attivitajiet ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.

**Nota: 17.55 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill biex isiru marci konguntament, liema marci ser isiru f'Lulju 2010 bhala parti mic-celebrazzjonijiet tas-Sur David Torpiano li ser isir sacerdot, u s-Sur Magro li se isir patri. Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas sa massimu ta' €500, total li ghandu jinqasam nofs ghal marc u nofs ghal iehor.

**Nota: 17.57 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

2.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-kuntrattur li ghamel l-information panels kien qed jaghti garanzija ghal sitt xhut fuq ix-xoghol li ghamel. Is-Sindku xtaq jigbed l-attenzjoni li din l-ittra waslet fl-istess gurnata meta kien qed jiddiskuti l-istess materja mas-Segretarju Ezekuttiv fil-prezenza ta' ufficjali ohrajn, u ghalhekk kien baqa' sorpriz b'dal-fatt. Huwa saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienx tkellem fuq din il-materja mal-kuntrattur qabel ma giet l-ittra, izda s-Segretarju accertah li ma kienx tkellem mieghu dwar dan. Is-Sindku kompla li ma jistax jemmen li kienet b'kumbinazzjoni li dan il-kuntrattur offra din il-garanzija wara li hu kien tkellem fl-apert dwar il-bzonn taghha, u jhoss li certu diskors li jinghad fil-Kunsill qieghed johrog barra.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill ghandu jibda' jitlob garanzija tax-xoghol ma' kull sejha tal-offerti u ghal kwalunkwe servizz li l-Kunsill jigi moghti. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 18.00 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat.**
**Nota: 18.02 Il-Kunsillier Vincent Borg rega' attenda ghal-laqgha.**

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand il-Floriana Nursery li talbu li l-ftehim ghall-uzu tal-picc sintetiku jigi estiz sa' Mejju 2011. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg ipproponew li l-Kunsill ghandu jilqa' din it-talba ghat-tigdid tal-ftehim sa' Mejju 2011 izda s-Sindku Nigel Holland flimkien mal-Kunsillier Edward Torpiano u l-Vici-Sindku Franco Davies ma qablux li dan ghandu jiggedded ghal 5 xhur, izda qablu li l-ftehim ghandu jiggedded ghal 3 xhur, cioe' sa Marzu 2011.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ippropona r-rimbors tad-depozitu tal-attivita' organizzata mill-ETC fil-parking area tal-Fosos peress li ma kienx hemm ksur ta' kundizzjonijiet. Il-Kunsill qabel.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Storika Floriana fejn talbu li l-Kunsill jikkoncedilhom xi forma ta' kummissjoni li jmur ghall-fondi tas-socjeta' taghhom, ghall-kontribut taghhom ghall-bejgh ta' kotba matul l-attivita' ta' Genna ta' gonna... u hafna aktar!! Il-Kunsill qabel li ghandu jikkoncedilhom 15% mill-bejgh ta' dawn il-kotba.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li meta l-ghaqdiet jaghmlu uzu mid-Dar tal-Kunsill, ghandu jibda' jsir ftehim minn qabel ma' xi hadd mill-Kunsilliera dan biex il-Kunsill ma jkollux ghalfejn jidhol fi spiza li jqabbad persuna terzjarja ghall-ftuh u l-gheluq tad-Dar tal-Kunsill biex jigu organizzati attivitajiet mhux tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Joston Co. Ltd fejn talbu li jkun hemm bdil fil-hin tat-tabella tan-No Parking li ghandhom fi Triq San Publju u minflok 12.30 sa 15.30, il-hinijiet jigu emendati u jsiru mis-7.00 sa 13.30. Il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba taghhom ghall-emendi tat-tabella izda li l-ammont ta' hin ghandu jibqa' dak ta' 3 sieghat u mhux jizdied kif gie propost u ghaldaqstant ghandu jkun mis-7.00am sal-10.00am jew hin iehor li ma jaqbizx it-tlett sighat.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Transport Malta li nformaw lill-Kunsill li kienet ser issir rilokazzjoni tat-taxis u tal-horsecabs li hemm fi Triq il-vittmi furjanizi tal-gwerra. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab laqgha maghhom biex din il-proposta tkun tista' tigi diskussa iktar fid-dettall.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-ftehim dwar l-immaniggjar ta' skart isseparat li l-Kunsill ghandu mal-GreenPak biex jigi mgedded ghal sena ohra minhabba li ser jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2010. Il-Kunsill approva.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Vodafone fejn talbu permess biex isir ice-skating rink fi zmien il-Milied fi Vjal ir-Re Dwardu VII. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghatalhom permess b'patt li jithalla passagg mill-bankijiet ghall-ice-skating rink.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Floriana Amateur F.C. fejn informaw lill-Kunsill li l-kumitat taghhom kien iddecieda li bhas-snin ta' qabel jaghmlu l-armar tad-dawl dekorattiv tal-Milied fi Triq il-Konservatorju, bid-differenza li din is-sena ser jintrama' biss minn hdejn il-klabb sal-kantuniera ta' Triq l-Iljun. Il-Kunsill ma qabilx peress li ser ikun hemm tnaqqis konsidervoli fit-tizjin.

Madanakollu, peress li l-Kunsill din is-sena ser izejjen Triq il-Mall, il-Kunsill iddecieda biex jizdied festun ghal Triq il-Konservatorju sal-kantuniera ta' Triq l-Iljun, u jqabbad it-tizjin tal-Floriana Ajax mat-tizjin tal-Kunsill.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Arcipriet kien talab lill-Kunsill jipprovdi festun quddiem il-Knisja. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li zdiedu l-ispejjez u dan il-festun jkun jirrikjedi li ssir applikazzjoni ghal meter temporanju bil-konsegwenza li l-ispejjez biex isir dan il-festun ikunu konsiderevoli.

2.19 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien talab spjegazzjoni rigward xi direct orders li l-Kunsill kien ghamel fl-ahhar snin. Is-Sindku sostna li certu affarijiet ta' kultura specjalment dawk lokali, bilfors kienu jirrikjedu direct orders dan minhabba li s-servizz ikun wiehed specifiku u sahansitra ma jkunx possibli li terzi persuni jaghtu s-servizz rikjest. Is-Sindku ta ezempju ta' meta l-Kunsill kien baghat lill-banda Vilhena ddoqq f'Macerata. Is-Sindku spjega li f'dan il-kaz il-kunsill bilfors kellu jaghmel direct order ghaliex ma jistax jibghat banda ohra ta' x'imkien iehor ladarba din il-banda kienet qed tirraprezenta lill-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob linja gwida rigward dan.

2.20 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Fosos kienu ilhom zmien twil minghajr dawl u ghalhekk, kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jinsisti mal-Korporazzjoni tal-Enemalta biex din is-sitwazzjoni tirranga ruhha immedjatament. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Enemalta u jesigi li l-fanali ornamentali jitwahhlu fi zmien gimgha.

2.21 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-grupp *River of Love* li talbu li jaghmlu uzu mill-picc sintetiku u jtellghu loghbiet 5 aside ghal skop ta' beneficenza. Il-Vici-Sindku Franco Davies u l-Kunsillier Vincent Borg qablu li l-Kunsill ghandu jilqa' t-talba taghhom izda s-Sindku Nigel Holland u l-Kunsilliera Edward Torpiano u Sandra Sammut Hili ma qablux ma' dan peress li din it-talba mhux qed issir minn ghaqda lokali u li ma jistax ikun li l-Kunsill jikkoncedi l-uzu ta' dan il-picc frekwentament.

## <u>3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx hemm risposta dwar it-talba tal-Kunsill li ssir *pedestrian crossing* fejn ser tigi estiza l-bankina hdejn il-Gnien tal-Milorda. Is-Sindku wiegeb li t-talba kienet giet approvata u ghalhekk il-Kunsill ghandu jinforma lill-kuntrattur tad-dawl tat-toroq biex issiru il-belisha beacons ghal din il-*pedestrian crossing*.

## <u>4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **45-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9112 sa 9129.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Franco Davies ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9052 sa 9129, bir-rizultat:

Favur: 5 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

4.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni l-iskeda ta' xiri permezz ta' memos. Wara

mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano, ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-memos, indikati bhala 407/05 sa 411/05 bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 5.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2010

5.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv iressaq ir-rapport finanzjarju ghall-perjodu sat-30 ta' Settembru 2010, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill li gie ccirkolat mal-avviz tal-laqgha.

5.2 Wara li saret diskussjoni dwar ir-rapport il-Kunsillier Edward Torpaino ressaq mozzjoni ssekondata mill- Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

5.3 Ghaldaqstant, ir-rapport finanzjarju li jaghlaq fit-30 ta' Settembru 2010 gie unanimament approvat.

## 6.0 Permessi specjali tal-iskema ta' parkegg residenzjali

6.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja minhabba li kien hu li talab biex tkun inkluza fl-agenda.

6.2 Il-Kunsillier Borg spjega li minhabba li xi whud mill-membri ta' ghaqdiet furjanizi li mhumiex residenti, li izda jigu jaghtu s-sehem volontarju taghhom filghodu, kienu qed isibu diffikulta' biex jipparkjaw minhabba l-iskema ta' parkegg residenzjali. Fid-dawl ta' dan, huwa propona li l-Kunsill ghandu jikkoncedi permess wiehed lil kull ghaqda li jista' jinghata lill-membru wiehed biss tal-istess ghaqda li jkun eligibbli ghal permess residenzjali.

6.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq it-thassib tieghu li jekk il-Kunsill ser jikkoncedi permess lill-membru wiehed biss ta' ghaqda, ghandu jikkoncedih lill-membri kollha tal-kumitat dan minhabba li jekk jinghata lil individwu wiehed, tali permess ser ikun personalizzat.

6.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili sostniet li din mhux ser tkun problema minhabba li bil-proposta tal-Kunsillier Borg, l-ghazla ser tithalla f'idejn l-ghaqda nnifisha biex tkun hi li tiddeciedi lil min tixtieq taghti permess.

6.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni biex "Il-Kunsill ghandu jaghti permess specjali wiehed lil kull ghaqda lokali u li jkun il-kumitat tal-ghaqdiet rispettivi li jiddeciedi liema membru ser ikun eligibbli ghal dan il-permess tal-parkegg residenzjali." Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg.

6.6 Ittiehed vot bir-rizultat ikun
Voti Favur : 2
Voti Kontra: 3 (NH, FD, ET)

6.7 Ghaldaqstant, din il-mozzjoni m'ghaddietx bil-konsegwenza li l-policy tal-Kunsill fir-rigward tal-ghaqdiet lokali, dawn mhumiex elegibbli ghal permess residenzjali.

## 7.0 Lejliet l-Ewwel tas-Sena

7.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Segretarju Parlamentari Chris Said kien baghat ghalih rigward l-ittra li kien kiteb lill-Prim Ministru dwar l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena li kienet ser tigi organizzata kemm mill-Kunsilll Lokali Floriana kif ukoll mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

7.2 Is-Sindku informa wkoll li wara li s-sotto-kumitat iltaqa' mal-kuntrattur li kien qed jiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-attivita' tal-Kunsill kien gie deciz biex il-palk principali jitpogga f'nofs is-central strip, bil-genb tieghu quddiem bieb ta' hanut fi Triq Sant'Anna, liema decizjoni s-Sindku hass li jirregistra li ma kienx jaqbel maghha.

7.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghandha ssir laqgha mal-membri tas-sotto kumitat Celebrazzjoni f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna u mal-kuntrattur li ha l-offerta biex jikkordina din l-attivita', biex jigi ffinalizzat il-programm u kullma ser jigri, fejn il-Kunsill ghandu jkun jaf x'ser isir sal-inqas dettal.

7.4 Is-Sindku kompla billi ghamel riferenza ghal-laqgha li kellu l-gurnata ta' qabel mal-kuntrattur fejn gibdilhom l-attenzjoni li dak li kien hemm fil-kuntratt, kienu obbligati jaghmluh.

7.5 B'riferenza ghall-korrispondenza li ntbaghtet min-naha tal-kuntrattur, il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb hekk: "The local council does not understand why you went through all the trouble to explain how you managed to convince singer Raquela because she was part of the contract anyway. The council has also accepted that instead of KOI you inserted Claudia Faniello. The Council confirmed the agreement that you will be providing two screens as part of the stage complex, a minimum of two confetti canons and four locations from where balloons will be released".

7.6 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinforma lill-organizzaturi li huwa kien obbligat li jaghmel roaming musicians flimkien mal-istreet animators. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel il-Christmas parade u approva l-ispiza ta' Eur1,000 (+Vat) ghal din il-parade li ser tibda fis-18.30 sas-19.30.

7.7 Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kunsill ghandu jevalwa l-possibilta' li jqabbad xi band ohra bhal dik ta' Ira Losco jew Airport Impressions. Il-kunsillier Edward Torpiano ghandu jiccekkja jekk dawn humiex disponibbli u jekk fl-affirmattiva xi spejjez hemm involuti biex ikunu parti mill-*line up* tal-attivita'.

7.8 Il-Kunsill qabel li ghandu jevalwa wkoll il-possibilta' li jsir reklamar fuq *billboards* u fuq gazzetti jew radjijiet lokali biex tigi reklamata din l-attivita'.

## 8.0 Tizjin tal-Milied fi Triq Sant'Anna

8.1 Is-Sindku Nigel Holland irrefera ghall-kwistjoni li l-Kunsill kellu mas-Socjeta Filarmonika Vilhena fejn dawn ma lahqux ghamlu it-tizjin tal-milied fiz-zmien.

8.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li fil-laqgha li l-Kunsill kellu maghhom, dawn spjegaw li huma kienu ikkonfermaw il-materjal mal-kuntrattur li kellu jipprovdi l-materjal li izda dan naqas milli jikkonsenjah lill-Kunsill. Is-Socjeta Filarmonika Vilhena stqarrew li ma kellhom xejn bil-miktub meta huma ikkonfermaw il-materjal li izda dan kienu ghamlu verbalment. Is-Sindku kompla jghid li fil-laqgha huma qalu li ma kienux fl-obbligu taghhom li jigru wara l-kuntrattur biex dan jikkonsenja l-materjal fiz-zmien.

8.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili sostniet li dan kellhom jghiduh lill-Kunsill qabel ladarba kienu jafu li l-materjal ma wasalx u li l-Kunsill kien tahom data sa meta jrid jitlesta t-tizjin.

**Nota: 19.35 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat**
**19.37 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata**

**19.38 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**
**Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

8.4 Il-Kunsill qabel biex jistaqsi bil-miktub lill-kuntrattur dwar il-verzjoni tieghu rigward din il-kwistjoni sabiex tkun tista' tittiehed decizjoni.

## 9.0 Ghazla tal-offerti:

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti, izda iddecieda biex il-laqgha tibqa' miftuha ghall-pubbliku u l-pubbliku setgha jkompli jsegwi l-laqgha izda minghajr ma jista' jintervjeni fid-diskussjoni.

### 9.1 KLF/T/09/10: Rijabilitazzjoni tas-Sala tal-Komunita f'Dar il-Kunsill Lokali

9.1.1 Is-Sindku Nigel Holland ipprezenta l-ispjegazzjoni tal-perit tal-Kunsill, wara li l-Kunsill kien talbu jiccara r-rapport tieghu. Wara li saret evalwazzjoni tal-ispjega tar-rapport tal-perit, kif ukoll tal-offerti mitfugha, il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni biex tintaghzel l-orhos offerta' jigifieri dik ta' Karl De Flavia peress li l-offerta kienet l-orhos u hija konformi mar-rekweziti mitluba. Il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat ikun:

Favur: 5 (FD, SSH, NH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 9.2 KLF/T/10/10: Ġbir ta' Skart Mħallat

9.2.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jipprezenta l-ezercizzju dwar il-puntegg moghti skond il-kriterji ddeterminati fl-offerta. Wara evalwazzjoni tal-ezercizzju li jinsab anness ma' dawn il-minuti, il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni biex tintaghzel l-offerta' ta' Wilson Mifsud peress li kellu l-ahjar offerta skond il-kriterji tal-MEAT li jinkludu kriterji amministrattivi u teknici li gew milhuqa kif mitlub u kriterji finanzjarji li gew milhuqa sew peress li l-offerta kienet l-orhos wahda. Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat ikun:

Favur: 4 (FD, SSH, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (ET)

9.2.1 Ghaldaqstant, il-kuntrattur Wilson Mifsud gie maghzul biex jinghata l-kuntratt ta' erba' snin ghal gbir ta' skart imhallat, mill-1 ta' Dicembru 2010.

### 9.3 KLF/T/11/10: Tindif ta' Toroq

9.3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-orhos offerta kellha nieqes dokument rikjest mill-offerta, (certifikat mahrug mill-ETC li jikkonsisti fl-ismijiet tal-haddiema impjegati mill-kuntrattur), u li skond direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, din l-offerta ghandha tigi skwalifikata.

9.3.2 Fid-dawl ta' din l-iskwalifika, il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni biex tintaghzel it-tieni l-orhos offerta', jigifieri dik sottomessa minn Wilson Mifsud. Il-Kunsillier Edward Torpiano issekonda din il-mozzjoni, bir-rizultat ikun:

Favur: 5 (FD, SSH, NH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

9.3.3 Ghaldaqstant, il-kuntrattur Wilson Mifsud gie maghzul biex jinghata l-kuntratt ta' tlett snin

ghat-tindif ta' toroq, mill-1 ta' Dicembru 2010.

.

**9.4 KLF/T/12/160: Drittijiet Esklussivi għal bejgħ ta' xorb u ikel f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena**

9.4.1 Minhabba li ma kien hemm l-ebda offerta', il-Kunsill qabel li ghandha terga' tohrog is-sejha ghall-offerti urgentament u li d-data ta' l-gheluq ghandha tkun il-minimu stipulat fil-ligi peress li ma fadalx zmien bizzejjed.

**9.5 KLF/T/13/10: Ftuħ/Għeluq u Supervizjoni ta' Faċilitatjiet Sportivi**

9.2.1 Wara li saret evalwazzjoni tal-offerti mitfugha, il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex tintaghzel l-orhos offerta', mitfugha minn Daniel Attard. Il-Vici-Sindku Franco Davies issekonda din il-mozzjoni, bir-rizultat ikun:

Favur: 5 (ET, FD, SSH, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**9.6 KLF/T/14/10: Xogħol ta' alterazzjonijiet tal-latrini fiċ-Ċentru tal-Anzjani biex ikunu aċċessibli għal kulħadd**

9.2.1 Wara li saret evalwazzjoni tal-offerti mitfugha u tar-rapport tal-perit, il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni biex tintaghzel l-offerta' ta' Karl De Flavia, peress li kellu l-orhos offerta u anke minhabba li x-xoghol moghti fil-passat imsemmi fir-rapport tal-perit kien xoghol ta' natura differenti minn dak mitlub f'din l-offerta. Il-Kunsillier Vincent Borg issekonda din il-mozzjoni, bir-rizultat ikun:

Favur: 5 (FD, ET, SSH, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**9.7 KLF/T/15 /10: Ġbir ta' Skart Goff**

9.2.1 Wara li saret evalwazzjoni tal-offerti mitfugha, il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni biex tintaghzel l-orhos offerta', cioe' dik ta' Karl De Flavia bil-kundizzjoni li jrid jipprovdi d-dokumenti rikjesti mill-kuntratt. F'kaz li jipprovdiex id-dokumenti rikjesti, l-offerta' tinghata lit-tieni l-iktar offerta' vantaggjuza, cioe' dik ta' Dion Galea. Il-Vici-Sindku Franco Davies issekonda din il-mozzjoni, bir-rizultat ikun:

Favur: 4 (FD, SSH, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (ET)

**Nota: Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha tigi aggornata ghal nhar it-Tlieta 23 ta' Novembru 2010 fit-15:30.**

Ghall-Kontinwazzjoni tal-Hamsin (50) laqgha tal-Hames Kunsill li saret fit-23 ta' Novembru fit-15.30, kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici-Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**

**Kontinwazzjoni tal-laqgha:**

Il-laqgha bdiet il-kontinwazzjoni taghha permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 10.0 Il-mina tal-ferrovija

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni fejn semma li l-Kunsill ghandu javvicina l-awtoritajiet biex tinfetah il-parti minn din il-mina li hemm fi Gnien San Filippu.

10.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies semma li gie avvicinat mill-ghaqda Touring Club Malta fejn xtaqu li jaghmlu muzew tat-trasport go parti mill-mina tal-ferrovija li hemm f'Notre Dame Ditch.

10.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies kompla li Touring Club Malta issuggerixxa biex isir monument billi ssir parti minn ferrovija fuq il-pont ta' hdejn Portes des Bombes.

10.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex il-Kunsill jitlob lil perit tal-Kunsill jaghti rakkomandazzjoni dwar dan il-monument u l-materjal tieghu. Il-Kunsill qabel nem.con.

10.5 Is-Sindku Nigel Holland sostna li fir-rigward tal-mina tal-ferrovija ghandu javvicina lis-Sur Paul Galea li wkoll kien wera interess dwar din il-mina sabiex nippruvaw isir xi progett kongunt bejn kull min hu interessat halli din il-mina jew ghallinqas parti minnha tinfetah u tintuza ghal xi skop kulturali.

## 11.0 Il-Konfini tal-Floriana

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li fil-passat il-Kunsill kien gibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar il-fatt li certi zoni li storikament kienu marbuta mal-Floriana, izda meta saret l-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali dawn iz-zoni saru jaghmlu parti mill-lokalita tal-Belt Valletta.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland sostna li dawn iz-zoni jinkludu iz-zona ta' Putirjal u l-Foss ta' San Gakbu, il-banjijiet ta' Santu Rokku, il-Foss ta' Gwann, u l-parti mit-Telgha tal-Kurcifiss sal-mina tad-dipartiment tad-Dwana.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Kummissarju Elettorali dwar dan il-fatt u ghandu jsir *dossier* li juri r-rabta storika ta' dawn iz-zoni mal-Floriana.

11.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies issuggerixxa li l-Kunsill jiehu passi kontra l-hwienet li hemm fil-Valletta Waterfront talli qed igibu l-indirizz hazin peress li minflok li qed juru Floriana qed tidher Valletta.

11.5 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li tinkiteb ittra lil dawn il-hwienet u jinghataw tlett xhur cans biex jaggustaw l-indirizz taghhom.

11.6 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Maltapost u jitlobha biex l-ittri indirizzati hazin ma jitwasslux ghand dawn il-hwienet. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 12.0 Is-Servizz tas-CT cabs fil-Floriana

12.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Vici-Sindku biex jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kien hu li talab biex din titpogga fuq l-agenda ghad-diskussjoni.

12.2 Il-Vici Sindku ippropona li l-Kunsill ghandu jkellem lil Transport Malta biex jizdiedu zewg rotot fis-servizz tas-CT Cabs, wahda lejn il-Floriana Health Centre u l-ohra lejn il-Kwartieri Generali tal-pulizija. Huwa zied jghid li dawn iz-zewg rotot ikunu ta' beneficcju kbir ghar-residenti tal-Floriana minhabba li jkunu jistghu imorru facilment min-naha ghall-ohra tal-lokalita' permezz ta' dan is-servizz.

12.3 Il-Kunsill qabel li ghandha tintghalab laqgha ma' Transport Malta biex tkun tista' tigi diskussa din

il-proposta.

## 13.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba mil-kumpanija Leon Promotions dwar il-hlas ghas-servizz tal-koordinazzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Ark Mekkanizzat.

13.2 Leon Promotions qed jitobu hlas ta' Eur1,160 ghas-servizz tal-koordinazzjoni. Madanakollu,is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat xtaq ifakkar li hemm spejjez ohrajn li jirrigwardjaw koordinaturi ohrajn. L-ispiza globali tal-koordinaturi hija ta' Eur3,600 (inkluza ta' Leon Promotions) li minnhom trid titnaqqas il-parti li thallas il-Parrocca San Publju (Eur930).

13.3 Il-Kunsill approva li jqabbad lil kuntrattur Noel Castillo biex ghal darb'ohra jkun hu li jiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-edizzjoni tal-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

13.4 Il-Kunsill qabel li ghandha tohrog stqarrija stampa bid-data tal-Festival u tinforma lill-pubbliku li l-applikazzjonijiet ghall-partecipazzjoni jinsabu miftuha.

## 14.0 Riceviment Annwali Lejlet il-Festa Liturgika ta' San Publju

14.1 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-istruzzjonijiet godda mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli huma intitolati jaghmlu riceviment wiehed biss matul is-sena, u li dan ghandu jsir f'Jum-il lokalita'.

14.2 Minhabba li l-Kunsill tal-Floriana ghandu tradizzjoni annwali li jorganizza riceviment lejlet il-festa liturgika ta' San Publju, il-Kunsill qabel li ghandu jitlob permess lid-Dipartiment sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli t-tradizzjoni tieghu u jibqa' jorganizza dan ir-riceviment fil-21 ta' Jannar minflok f'Jum il-Lokalita'.

14.3 Il-Kunsill approva.

14.4 Is-Sindku Nigel Holland kompla li fir-rigward tar-riceviment li s-soltu jsir fil-granet ta' Jum Floriana, il-Kunsill ghandu jipprova soluzzjonijiet ohrajn billi jottjeni xi sponsors jew inkella jipposponih ghal meta tigi d-delegazzjoni minn Macerata bhala parti mill-progett iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea.

## 15.0 L-iskema ta' l-Infurzar Lokali

15.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Gvern iddecieda li d-delega tal-infurzar lokali ma tibqax fuq il-Kunsilli Lokali, li izda ser tigi devoluta lir-regjuni.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li matul il-laqghat tar-regjun, kienu ufficjalment infurmati li dawn ir-regjuni ser ikunu ffinanzjati mid-dhul tal-iskema tal-infurzar lokali. Dan iffisser li d-dhul mill-infurzar lokali ser jinghadda lir-regjun bil-konsegwenza li l-Kunsill mhux ser jibqa jkollu l-introjtu li qed ikollu bhalissa mis-sistema tal-infurzar lokali.

15.3 Huwa zied jghid li waqt laqgha tal-kumitat tar-regjun, hu kien propona li t-tribunal tal-lokalita' tal-Floriana jibqa' dak li hemm prezenti fil-Belt Valletta sabiex ikun konvenjenti ghar-residenti tal-Floriana. Is-Sindku kompla li din il-mozzjoni tieghu giet approvata mir-regjun u accettata mill-Gvern.

15.4 Is-Sindku Nigel Holland ghalaq id-diskussjoni dwar din il-materja billi semma li fil-futur irid iressaq mozzjoni dwar din id-decizjoni tal-Gvern ghaliex ihoss li din qed taghti daqqa ta' harta lill-awtonomija tal-Kunsilli Lokali kif ukoll lid-decentralizazzjoni tar-responsabilitajiet peress li b'din id-decizjoni l-Gvern qieghed johloq livell iehor ta' awtorita' li ticcentralizza r-responsabilitajiet.

## 16.0 Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar!

16.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma li huwa ihoss li kien hemm rispons tajjeb hafna ghal din l-attivita' fejn hafna kienu fahhru l-inizjattiva li kienet ittiehdet u talbu li terga' ssir.

16.2 Huwa propona li ghal sena ohra, din l-attivita' terga' tittella' u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jerga' jkollu sotto kumitat ghal din l-attivita'. Il-Kunsill approva.

16.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano xtaq jirregistra li hu ma jaqbilx li jkun hemm sotto kumitat dan minhabba li xi kultant, dawn is-sotto kumitati iktar itellfu milli jghinu.

16.4 Is-Sindku talab li l-Kunsill ghandu jivverifika decizjoni li kien ha rigward l-elezzjonijiet tas-sotto kumitati li ssir elezzjoni f'kull Ottubru biex jergghu jigu decizi l-karigi tal-membri sabiex f'dak il-kaz ghandu jinforma lill-sotto-kumitat rispettivament dwar din id-decizjoni.

16.5 Is-Sindku ppropona li l-attivita' ta' "*Genna ta' gonna... u hafna aktar!*" ghandha tittella' jew fl-ahhar Hadd ta' Settembru jew fl-ewwel Hadd t'Ottubru 2011, jiddependi jekk hemmx attivitajiet ohrajn simili f'dawn il-granet. Il-Kunsill approva.

## 17.0 Parkeġġi riservati għall-uffiċċini, dipartimenti governattivi, etc, fil-Floriana

17.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn spjega li fil-Belt Valletta, kien sar ezercizzju fejn kienu tnehhew il-parkeggi riservati ghad-dipartimenti governattivi. Is-Sindku kompla li skond il-linji gwida li kienet harget l-ADT, id-dipartimenti governattivi mhumiex elegibbli ghal parkegg riservat u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jiehu azzjoni billi jnehhihom.

17.2 Il-Kunsillier Vincent Borg kompla li wara li kien ikkonsulta mal-linji gwida ghall-parkeggi riservati, kienu biss il-Ministeri li kellhom dritt ghal parkegg riservat quddiem l-ufficcini taghhom.

17.3 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jnehhi il-parkeggi riservati kollha ta' kull entita' jew awtorita' li ma kinietx intitolata ghalihom skond il-linji gwida.

17.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinforma lil dawn l-entitajiet li skond il-linji gwida mahruga mill-ADT, huma m'humiex intitolati ghal parkegg riservat u ghalhekk dawn il-parkeggi kienu ser jitnehhew fi zmien 3 gimghat.

17.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mas-Sur Joseph Brincat wara li giet issuggerita laqgha mieghu rigward il-parkeggi riservati ghall-vetturi tal-Pulizija li hemm quddiem il-Kwartieri Generali fi Pjazza San Kalcidonju.

## 18.0 Hwejjeg ohra

18.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar l-art li hemm ikkontestata bejn il-Floriana Ajax Amateur FC u l-Floriana FC. Is-Sindku wiegeb li din ma taqax taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill u li l-Kunsill ma jistax jidhol f'affarijiet interni ta' entitajiet ohra.

18.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li matul ic-*Charity Fun Run* tal-President li ser issir f'Dicembru, kien ser jigi karattru ta' Father Christmas minghajr hlas u talab biex il-Kunsill jinkariga lil xi hadd jitlaq numru ta' bziezaq dakinhar tal-fun run. Il-Kunsill qabel nem.con.

18.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn residenti li joqghodu fi Triq San Tumas c/w Triq l-Imhazen li lmentaw li kien qed jithalla skart f'din il-kantuniera. Huwa propona li ghandha titwahhal tabella f'din il-kantuniera biex ma jigux mpoggija boroz ta' skart. Il-Kunsill qabel.

18.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Anton Zarb kien ghadu ma tahx risposta rigward il-*locality map* li kellu jaghmel xhur ilu. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghtih erbghin gurnata

cans biex ilesti dan ix-xoghol.

18.5 Il-Vici-Sindku Franco Davies saqsa lill-Kunsill fuq min hu nkarigat inaddaf il-funtana tat-torri ta' Wignacourt minhabba li l-ilma taghha ta' sikwit ikun mahmug u mhux tajjeb ghax-xorb. Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi lill-MSD li huma responsabbli mit-tindif u l-manutenzjoni ta' din il-funtana.

18.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet biex jigi mkahhal it-tarag ta' hdejn Pjazza Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsill approva.

18.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill jaghmel bozza zghira quddiem in-nicca tal-Madonna li hemm hdejn il-Housing Estate. Il-Kunsill irid jara minn fejn ser jiehu s-supply ghal din il-bozza. Il-Kunsill ma jistax jaghmel meter ghal din il-bozza izda jrid isib soluzzjoni ohra minn fejn jista' jiehu s-supply.

18.8 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn resident ta' Triq Antonio Agius li lmenta li l-karozzi kienu qed jipparkjaw fuq sprall li hemm jaghti ghall-kantina tieghu b'konsegwenza li dan ta' sikwit kien qed jinfaqa'. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel planter biex jevita li l-karozzi jipparkjaw fuq dan l-isprall.

18.9 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat mis-Sur Mark Ciantar li talbu li ma jkunx hemm attivitajiet fuq il-fosos li jistghu itellfu il-quddies tas-sacerdot u l-patri li ser jilhqu f'dawk il-granet.

## 19.0 Aġġornament tal-laqgħa

19.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 14 ta' Dicembru fil-5:30pm.

Il-laqgha ntemmet fis-6:45pm.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv